**QORTI CIVILI**
**PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Nhar l-Erbgha it-30 ta' Novembru 2016**

**Mandat Numru. 1638/2016JPG**

**Bright Stone Holding Ltd (C40891)**

**vs**

**Davinci Publishing Limited (C74053)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors tas-socjeta' rikorrenti Bright Stone Holding Ltd **datat 7 ta' Novembru 2016** li jaqra hekk:

*"Jinghad bil-qima u jigi kkonfermat bil-gurament ta' l-Avukat Paul Micallef Grimaud (ID No. 67579M) kif debitament awtorizzat permezz ta' rizoluzzjoni tal-istess socjeta' esponenti:*

*Illi, s-socjeta; esponenti ghandha interess li jitharsu l-jeddijiet taghha;*
*Illi, s-socjeta' esponenti sabiex tikkawtela id-drittijiet taghha, tixtieq zzomm lis-socjeta' intimata milli tbiegh, tnehhi, titrasferixxi, tiddisponi b'mod iehor sew*

*b'titolu oneruz jew gratuwitu, tillicenzja, tipoteka jew taggrava b'mod iehor il-proprjeta' intellettwali li giet trasferita lilha mis-socjeta' rikorrenti permezz tal-kuntratt anness (DOK.A.) u cioe, hekk kif giet deskritta fl-istess kuntratt:*

*1) National German Trademark 30411155, word: APASSIONATA*
*This trademark has not been renewed as of February 28 2014, however, its seniority has been claimed with the Community trademark 004302493, word: APASSIONATA*

*2) Registered Community Trademark 004302493, word: APASSIONATA*
*3) International Registration 866726, word: APASSIONATA with protection in Switzerland, Norway and Turkey*
*4) Registered Community Trademark 012248001, word: APASSIONATA*

***Peress li hemm il-periklu car u imminenti illi s-socjeta intimata taghmel wahda mill-azzjonijiet hawn fuq imfissra, qieghed jintalab li dan ir-rikors jintlaqa' provizorjament sakemm jinghata digriet finali.***

*Illi, din it-talba qed issir ghas-segwenti ragunijiet:*

1. *Illi s-socjeta' esponenti bieghet u trasferiet lis-socjeta' intimata l-proprjeta' ntellettwali hawn fuq imfissra li ghandha valur ekonomiku gholi hafna (ara Dok A anness);*

2. *Illi s-socjeta' ntimata naqset milli thallas il-prezz pattwit;*

3. *Illi ghalhekk il-kuntratt ta' bejgh tal-proprjeta intellettwali hawn fuq imfissra ghandu jigi mahlul u l-istess proprjeta' ntellettwali ghandha tigi ritornata lis-socjeta' rikorrenti minnufih;*

4. *Illi jekk il-proprjeta intellettwali hawn fuq deskritta tigi trasferita jew aggravata b'xi mod kif hawn fuq imfisser, is-socjeta' rikorrenti ser issofri danni ngenti u pregudizzju irrimedjabli.*

*Illi s-socjeta' esponenti se tigi pregudikata rrimedjabbilment jekk is-socjeta' ntimata ma tigix inibita kif inghad hawn fuq:*

*Ghaldaqstant, is-socjeta' esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex izommu l-intimati milli jkomplu jaghmlu l-hwejjeg hawn fuq imsemmija."*

Rat id-digriet tas-7 ta' Novembru, 2016 illi bih il-Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti provvizorjament, u ordnat in-notifika tal-atti lill-kontro parti u appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-udjenza tat-18 ta' Novembru, 2016 fl-10.00 a.m.

Rat illi l-atti tar-rikors, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta Davinci Publishing Limited datata 15 ta' Novembru, 2016 li taqra hekk:

*"Tesponi bir-rispett u Claudine Attard Farrugia (ID 487171M) Direttur uniku ta' l-istess kumpannija tesponi bir-rispett u bil-gurament taghha tikkonferma:*

*Illi s-socjeta' esponenti togezzjona bil-qawwa kollha ghat-talba tas-socjeta' rikorrenti Bright Stone Holding Limited ghall-hrug tal-precitat mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet premessi stante li hija ghal kollox frivola u vessatorja; di pju' hija addirittura attentat imqanzah sabiex dik is-socjeta' estera hekk kif rapprezentata taghmel xi forma ta' pressjoni indebita fuq is-socjeta' esponenti.*

*Illi l-ewwel u qabel kollox L-Artikolu 873(2) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) jiddisponi illi:*

> *"II-qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet."*

*Kif jirrizulta minn din id-disposizzjoni kif ukoll minn gurisprudenza kostanti:*

> *"ir-rikorrent fil-hrug ta' mandat jehtieg li jipprova li jezistu zewg elementi ghall-hrug tal-istess mandat kawtelatorju u cioe (i) li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet li qed jippretendi; u (ii) li r-rikorrent ikun jidher li ghandu, (prima facie) dawk il-jeddijiet. Dawn iz-zewg elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi." - Michael Debono et v. Joseph Zammit et (PA 1289/07 RCP dec. 30/6/2010).*

*Kif inghad mill-Onorabbli Qorti tal-Appell f'Sonia Grech pro et noe v. Stephanie Manfrè (Koll. Vol. LXXII.ii.290);*

> *"It-tieni rekwizit, u cioé li r-rikorrenti prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru prima facie, ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat." (emfasi mizjuda).*

*Illi ghalhekk, hekk kif tirrizulta lil dina l-Onorabbli Qorti li xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi fuq imsemmija ma jirrizultawx, dina l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni precitat;*

*Illi l-harsien li l-ligi timmira ghalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollha r-rikorrenti jitnehha darba ghal dejjem u b'mod irrimedjabbli. It-tiftix li trid taghmel dina l-Onorabbli Qorti huwa dak jekk, bl-ghamil li minnu qieghed jibza' r-rikorrent, jistax jintilef darba ghal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li ghandu filwaqt li jipprezenta t-talba ghall-hrug tal-istess mandat;*

*Illi ghalhekk huwa sottomess bir-rispett, illi sabiex dina l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talba rikorrenti u tordna l-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni precitat b'mod definittiv dina l-istess Onorabbli Qorti ghandha tkun konvinta li drittijiet specifici spettanti*

*lis-socjeta' Bright Stone Holding Limited jigu lezi b'mod irriparabbli f'kaz li tali talba ma tigix milquha u anke li hi TAT AWTORITA'  lill-Avukat Micallef Grimaud biex jirraprezentaha f'dawn l-atti u biex jiehu l-guramenti opportuni u jekk fl-affermattiv, li tali awtorita' inghatat validament;*

*Illi biex dina l-Onorabbli Qorti tasal ghal tali konvinzjoni Bright Stone Holding Limited, jekk thoss li ghandha jew tispetta lilha xi dritt partikolari li tibqa' tgawdi xi dritt jew drittijiet partikolari fuq it-Trademark u d-drittijiet relatati mal-isem APASSIONATA hekk kif premess fir-rikors promotur tal-mandat ta' inibizzjoni odjern u jekk thoss li tgwadi minn xi dritt ta' preferenza fir-rigward ta' l-istess drittijiet intellettwali marbuta mal-isem APASSIONATA u s-show minnha gestit, kellha ggib il-prova ta' dan kollu - jinghad minghajr tlaqliq, anke fuq bazi prima facie  - dan m'ghamlithiex!*

*Illi allegazzjoni li ma giex imhallas il-prezz pattwit ghall-bejgh tal-precitati drittijiet intellettwali zgur ma hijiex raguni tajba biex tali bejgh jigi rexiss, u f'dan ir-rigward is-socjeta' rikorrenti kellha fir-rikors promotur tal-mandat ta' inibizzjoni odjern, tressaq il-prova li hija intitolata li l-bejgh tal-precitati drittijiet intellettwali jigi rexiss - jinghad minghajr tlaqliq li, anke fuq bazi prima facie  - dan m'ghamlithiex!*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' esponenti hekk kif immexxija mill-esponenti nomine dejjem imxiet kif suppost u qatt ma ghamlet xi haga li tista' tipperikola l-assi taghha jew dritt jew pretensjonijiet legittimi ta' dawk il-kumpanniji u persuni ma minn ghandha rabtiet kummercjali u/jew kuntrattwali f'dak li ghandu x'jaqsam mat-tmexxija tal-kumpannija, dak li ghandu x'jaqsam mad-drittijiet ta' proprjeta' tal-azzjonijiet li huma proprjeta' tal-azzjonisti taghha u ghal dak li ghandu x'jaqsam mad-drittijiet fuq l-assi taghha;*

*Illi ghalkemm dak li taghmel is-socjeta' esponenti bid-drittijiet tal-awtur rigwardanti l-isem APASSIONATA u tax-show relatat mieghu jigi stabbilit biss mis-socjeta' esponenti, jigi ddikjarat minn issa illi s-socjeta' esponenti ma hijiex intensjonata li tnehhi tali drittijiet ta' awtur f'dan l-istadju, wara kollox dawn huma*

*s-sors ewlieni tal-introjtu taghha u anke jekk dan kien jkun il-kaz (li ma huwiex) jkun fl-ahjar interess tas-socjeta' esponenti u anke tas-socjeta' Bright Stone Holding Limited li l-valur tal-assi tas-socjeta'esponenti jizdied u mhux jonqos;*

*Illi ghalhekk ukoll ma jistax jinghad li l-mandat odjern huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet tas-socjeta' rikorrenti estera;*

*F'kwalunkwe kaz fl-ahhar mill-ahhar it-trasferiment da parti tas-socjeta' esponenti tal-proprjeta' intellettwali taghha jew addirittura parti minnha o' meno tista' biss tissarraf f'kwistjoni ta' flus u l-ligi stess tipprovdi ghar-rimedji kollha opportuni, u dan, bir-rispett kollu ma huwiex wiehed minnhom. Ghalhekk ukoll is-socjeta' rikorrenti qatt ma tista' tghid li l-jedd li qed tippretendi li ghandha jista' jitnehha darba ghal dejjem u b'mod irrimedjabbli f'kaz li dina l-Onorabbli Qorti ma kellhiex tordna l-hrug tal-mandat precitat b'mod definittiv;*

*Illi ghalhekk ma hemm l-ebda pregudizzju irrimedjabbli ghas-socjeta' rikorrenti li jiggustifika il-hrug ta` dan il-mandat, u la darba jonqos dan l-element ta` irrimedjabbilita` jonqos element essenzzjali iehor li minghajru l-mandat ta' inibizzjoni mitlub ma jistax jintlaqa`;*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi dina l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni precitat.*

*Bl-ispejjez u bir-rizerva ta' kull dritt, anke ghar-rizarciment ta' danni spettanti lis-socjeta' esponenti skond il-ligi."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-mandat;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat l-Art.873 sa l-Art.877 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta` Malta;

Rat il-verbal tat-18 ta' Novembru, 2016 fejn il-Qorti iddefferixxiet il-mandat ghal digriet finali li ghandu jinghata sas-7 ta' Dicembru, 2016.

**Ikkonsidrat:**

Mill-verbal tas-seduta tat-18 ta' Novembru 2016 a fol 18 jirrizulta illi hemm qbil bejn il-partijiet illi dan il-mandat ta' inbizzjoni ghandu jintlaqa', u inoltre ill l-ispejjez ghandhom ikunu a karigu tas-socjeta rikorrenti:

> ***"L-avukati difensuri tal-partijiet qedin jaqblu li ghas-salvagwardja tad-drittijiet tal-partijiet kollha nteressati pero' dan qed isir minghajr ammissjoni ta' htija jew hjiel taghha da parti Da Vinci Publsihing Ltd u tad-Direttur taghha Claudine Attard Farrugia, l-avukati difensuri tal-partijiet jidhrilhom illi dan il-mandat ta' inibizzjoni ghandu jintlaqa' u hemm ir-rekwizi legali biex dan isir. Da Vinci Publishing Ltd tirrelva wkoll li ma ghandhiex tbaghti l-ispejjez.***
>
> ***Dr Micallef Grimaud jiddikjara li s-socjeta' rikorrenti Bright Stone Holding Ltd qed taccetta r-responsabbilita ghall-ispejjez ta' dan il-mandat."***

Ghalhekk, stante qbil bejn il-partijiet, u siccome jikkonkorru l-elementi rekwiziti, il-Qorti tqis illi t-talba ghal hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni tas-socjeta rikorrenti ghandha tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tas-socjeta rikorrenti u konsegwentement tinibixxi lis-socjeta ntimata milli tbiegh, tnehhi, titrasferixxi, tiddisponi b'mod iehor sew b'titolu oneruz jew gratuwitu, tillicenzja, tipoteka jew taggrava b'mod iehor il-proprjeta' intellettwali li giet trasferita lilha mis-socjeta' rikorrenti permezz tal-kuntratt ezebit u mmarkat bhala Dok a fol 2 *et seq* tal-process, u cioe:

1) National German Trademark 30411155, word: APASSIONATA
This trademark has not been renewed as of February 28 2014, however, its seniority has been claimed with the Community trademark 004302493, word: APASSIONATA

2) Registered Community Trademark 004302493, word: APASSIONATA

3) International Registration 866726, word: APASSIONATA with protection in Switzerland, Norway and Turkey

4) Registered Community Trademark 012248001, word: APASSIONATA

Bl-ispejjez a karigu tas-socjeta rikorrenti.

Tordna li din id-decizzjoni tigi notifikata lid-Direttorat ghal Registrazzjoni ta' Proprjeta Industrijali fi hdan id-Dipartiment tal-Kummerc li ghandha ssir ghas-spejjez tar-rikorrenti.

**Mghoti kameralment illum fit-30 ta' Novembru 2016**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**